KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 6 Tlieta 24 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

MISTIEDEN
Matthew Spiteri

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**6.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Ma kienx hemm Kunsilliera assenti.

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 5
Is-Sindku nfurmat li ħa tibda tagħti rapport u *updates* fuq l-*items* tal-minuti waqt il Kommunikazzjoni mis-Sindku.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 5.

## 6.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 6.3.1 Kommunikazzjoni – PAMA

Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-MED Design f'hiex waslu l-bankini, fejn għandhom jibgħatulna *update* biex jinkonfermaw mal-PAMA kemm fadal flus. Is-Sindku nfurmat li reġgħet talbet *update* l-bieraħ pero' il-lista għada ma waslitx. Is-Sindku preżentat fuq il-mejda l-lista ta' bankini li l-Kunsill jaf li saru sa issa.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-lista f'hijiex il-qisien wkoll, u s-Sindku kkonfermat li għalissa ismijiet ta' toroq biss hemm fil-lista li prepara l-Kunsill.

### 6.3.2 Kommunikazzjoni – Ġnien Kevin Vella

Is-Sindku nfurmat li għamlet kuntatt mal-Cleansing, WSC u ELC biex jsir it-tindif tal-ġibjun, pero' dawn ma jagħmluħx. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Viċi fejn issuġerixxa li l-aħjar jinqala' s-saqaf, peress li ma jistax jidħol makkinarju tat-tindif peress li l-ġibjun mgħamul min ħafna kmamar, u għalhekk issa irridu nidħlu f-fażi oħra.

Il-Viċi Sindku kkonferma li m'hemmx pjanta tal-ġibjun, u staqsa lil Kunsillier Cassar jekk qad sarx *survey* tas-saqaf tal-ġibjun. Il-Kunsillier Cassar nforma lil-Viċi li s-saqaf tal-ġibjun jrid jkun ċertifikat mill-MED Design biex jara jekk hemx ħsara jew le. Il-Kunsillier Cassar nforma li s-saqaf għandu 30 sena u suppost soqfa għandhom iservu iktar, pero' qal li jekk wara li jsir s-*survey* jiriżulta li hemm xi ħsarat, ovvjament irridu l-ewwel nħarsu li jsiru l-arranġamenti neċċesarji għat tiswijiet qabel ma jibda l-proġett tal-ġnien. Pero' jemmen wkoll li jekk jitnadfu l-*overflows*, m'għandux għalfejn jkun hemm *flooding*. Meta ix-xitwa l-oħra ġara li t-triq ntliet kollha ilma, din ġrat darba u kienet ġurnata ta' xita kontinwa bla waqfien.

Il-membri preżenti qablu li l-ewwel jridu jitnaddfu l-*overflows* tal-ġibjun, u jsiru l-*manholes,* u li nitolbu lil PAMA biex jinfurmaw lil MED Design biex jgħamlu *survey* tas-saqaf tal-ġibjun. Meta jsiru l-*manholes* il-Viċi Sindku ħa jkun preżenti mal-kuntrattur.

### 6.3.3 Kommunikazzjoni – Monument ta' l-Iljun

Is-Sindku nfurmat li s-*survey* li kien intalab, kien biex jinħareġ il-BOQ u t-*technical specifications* ta' x'hemm bżonn għal dan il-proġett. Il-MED Design infurmaw lis-Sindku li bħalissa l-applikazzjoni hija mwaqqfa għax qegħdin f'diskussjoni mas-Superintendence of Cultural Heritage li qegħdin jorbtu lil MED Design biex jibdlu l-pjanta ta' kif joħroġ l-ilma u jipproponu l-metodu ta' konservazzjoni tal-*pillars* u l-monument.

Is-Sindku staqsiet lil-Viċi jekk għamilx appuntament ma Project House minħabba l-*flooding* tal-ġibjun. Il-Viċi nforma li għad ma rrispondewħx.

### 6.3.4 Kommunikazzjoni – Proġetti ta' toroq

Is-Sindku nfurmat li ilna nitolbu lil Perit tal-Kunsill il-kejl ta' Triq Bonnijiet u Triq il-Bajtar. Qed jkun hemm bosta xogħolijiet li l-Perit tal-Kunsill qed jdum biex jieħu azzjoni fuqhom, u ma jistax jkun nibqaw sejrien hekk.

Il-membri preżenti qablu, li jekk hemm bżonn jinħarġu d-default notices, u jiġi rrapurtat lil DLG, Dipartiment tal-kuntratti u l-kamra tal-Periti.

6.3.5 Kommunikazzjoni – Parkour, Outdoor Gym u Playing Field Zokkrija

Is-Sindku nfurmat li għandu jiġi jkellimna l-Inġinier is-Sur M. Spiteri fuq xi tibdiliet żgħar u l-spejjes biex nkunu nistaw napplikaw għad-Development Fund, u biex wkoll nkunu konformi mal-MCCF.

Fis 7:38pm, daħal għal laqgħa is-sur Spiteri biex jgħamel ir-rapport tiegħu.
Is-Spiteri nforma li huwa Inġinier u jieħu ħsieb proġetti ta' ġonna, *playgrounds* kif wkoll l-*upgrades* tagħhom fejn jidħol ċertifikazzjoni tal-MCCAA. Kif wkoll flimkien mat-team tiegħu huma l-*winning bidders* ta' tlett ġonna.

Sar proċess biex naraw x'jista jsir flimkien mal-Kunsill u l-Perit tal-Kunsill, kif wkoll apparat li hemm bżonn jinbidel, biex il-proġetti jkun jistaw jkunu finalizzati, peress li żdiedet l-ispiża.
Parti mil-ispiża żdiedet minħabba:

- Dwal ġodda f'żewġ żoni fejn ma hemmx dawl. Blata l-Għolja u fejn hemm l-iskola.

- Blata l-Għolja: Parkour biex jiġi ċċertifikat, l-ewwel wieħed f'Malta. Hemm wkoll apparat li huwa antik, fejn hemm partijiet li huma iwweldjati. Għalhekk, fejn tidħol ċertifikazjoni nkunu rridu nibdlu bosta affarijiet, għax l-MCCAA tiċċertifika il-post kollu mhux l-apparat biss, u jekk ma jkollnhiex dawn il-ġonna *certifciable,* il-fondi ma jinħarġux. Ħa jsir wkoll *playing equipment* adattat għal-persuna b'diżabilita, u għal ġenituri li jkunu jistaw jużaw dan l-equipment mat-tfal.

- Ġnien taż-Żokkrija: Oriġinarjament kien hemm *playing equipment* li ħa jinqalaw mil-Blata l-Għolja u jitwaħħlu ż-Żokkrija, pero' kien ser jerġa jkun hemm problemi ta' ċertifikazjoni, u ħa jiżdied xi *equipment* hawn wkoll.

- Outdoor Gym: Dan huwa l-iktar post li fih spejjes, fejn l-art konna qed nikkunsidraw li ssir *paved* u/jew *concrete*. Għalhekk saret evalwazjoni biex minflok issir *track* bl-art magħmula min *rubber* fejn jitqiegħed sħiħ bħal *concrete* u mhux f'biċċiet.

Is-Sur Spiteri nforma lil-membri preżenti li l-prezz oriġinali tat-tender kien ta' madwar 250,000 għat tlett siti. Wara saret evalwazzjoni ta' dawn is-siti biex jiġi ndikat id-differenzi ta' bejniethom, fejn fil-Blata l-Għolja, bid-dawl, items ġodda u rubber ġdid, in-nefqa żdiedet bi 27,000 Ewro; z-Żokkrija n-nefqa żdiedet bi 11,500 Ewro; u l-Outdoor Gym n-nefqa żdiedet bi 45,000 Ewro. Din l-evalwazzjoni bil-bidliet ġiet mgħoddija lil-Kunsill bil-prezzijiet.

Is-Sur Spiteri ta' sommarju taż-żieda fl-ispejjes;

- Playing Equipment li ser jiġi sostitwit, minħabba iċ-ċertifikazjoni tal-MCCAA.
- Ir-rubber ta' l-art li ser jiġi sostitwit, minħabba li qed jinqala, u ċ-ċertifikazjoni tal-MCCAA.
- Dwal li jgħamlu parti mil-Parkour.

Il-Viċi Sindku staqsa x'inhi l-ispiża mingħajr ir-*rubber* għax diġa hemm BOQ. Is-Sur Spiteri nforma li l-kumplament ta' dawl u *equipment* jiswew 34,000. Dan l-amount ġie negozjat mil-membri preżenti għal 30,000.
Il-Membri preżenti qablu unanimament li ż-żieda fl-ispejjes ħa jiġu inkluzi ma l-applikazzjoni tad-Development fund.

Fis 7:50pm, is-Sur Spiteri ħareġ mil-laqgħa.

### 6.3.6 Kommunikazzjoni – CCTV's

Is-Sindku nfurmat li l-kameras qegħdin jaħdmu, u kull ma rridu huwa li napplikaw għal-*internet* biex jkollna aċċess *online*. Is-Sindku wkoll nfurmat lil Kunsilliera Bonnici li l-kameras jgħatu l-isfel mhux fuq propretajiet u residenzi ta' terzi. Is-Sindku nfurmat wkoll li qed nistennew kwotazzjoni mil-Faro Group biex ma nibqawx nirrekordjaw fuq DVR's imma mmorru għas-sistema *cloud.*

### 6.3.7 Kommunikazzjoni – Measure 4.4 Hitan tas-Sejjieħ implimentation stage

Is-Sindku nfurmat li dawn huma l-ħitan tas-sejjieħ li ħa jsiru; Dawret il-Wied, Triq il-Lunzjata, u Triq San Pawl tal-Qliegħa li huma kollha approvati mil PA. Kien hemm wkoll Vjal Ragusa meta applikajna, iżda din ġiet irrifjutata. Is-Sindku nfurmat li applikajna għal-ħajt tas-sejjieħ fi triq il-Bidnija biex il-fondi li kienu ser jintefqu fi Vjal Ragusa ma jintilfux. Għalhekk qed nistennew il-permess.

### 6.3.8 Kommunikazzjoni – Public Toilets

Is-Sindku nfurmat li l-PA talbitna biex il-Perit tal-Kunsill jissottometti informazzjoni sal-5 ta' Ottubru. L-informazzjoni lil PA qegħda titlob hija rigward it-toilets preżenti li ħa jinbidlu fi stores, għax fl-opinjoni tagħhom mhux parti mil-blokka ta' l-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellna mal-Perit tal-Kunsill, fejn il-Viċi ssuġerixxa li fejn hemm bħalissa id-disabled toilet, dan ma jitwaqqax u tintuża għal-bżonnijiet tal-Kunsill, fejn tista tkun *storage room, information office,* fejn jitqassmu l-boroz etċ.
Għalhekk il-Viċi talab l-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 6.3.9 Kommunikazzjoni – Punti tal-Laqgħa mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq

Is-Sindku nfurmat li kelna laqgħa ma lis-Street Naming Committee fejn nistaw nipproċedu fuq l-ismijiet tat-toroq. Kif wkoll is-Sindku qrat lista ta' toroq li ħa jsirilhom in-numerar ta' bibien, refenza Appendiċi A. Dan il-proċess għandu jitlesta u jiġi ppublikat fil-gazetta tal-gvern lejn l-aħħar ta' Ottubru.

Rigward triq biex tisemma għal-Freddie Micallef, is-Sindku nfurmat li reġgħet ikkonfermat li l-Kunsill ma jaqbilx li d-dawra ta' ċentru ċiviku jisemma għal-mibki Freddie Micallef, għax jixraqlu aħjar.

Is-Sindku nfurmat wkoll li fejn hemm toroq privati f'Jannar ħa toħroġ liġi ġdida biex l-SNC jkunu jistaw jinumeraw residenzi li jinsabu f'toroq privati.

Triq il-Fortizza sqaq numru 1 u numru 2, talbu biex jiġu sanzjonati peress li qatt ma ġew irreġstrati.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 6.3.10 Kommunikazzjoni – WM Environmental

Is-Sindku nfurmat li l-każ ta' WM Environmental ħa jiġi diskuss għal-laqgħa li jmiss biex nkunu nistaw ngħatu *update.* Dan għalxiex l-avukat ta' WM Environmental qed tikkontesta l-mod ta' kif inħaddmu d-*default notices,* fejn qed jgħid li anke d-dipartiment ikkonfermawlu dan. Is-

Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kitbet id-dipartiment biex jiġi ċċarat l-aħjar metodu ta' kif jinqataw d-*default notices,* u d-dipartiment DLG irrisponda biex nistaqsu lil avukat tal-Kunsill.

Għalhekk, ħa nduru l-metodu tal-kalkoli li pprovdiet l-avukata ta' WM Environmental, u nikkumparawhom mal-kalkoli tagħna.

**6.3.11 Kommunikazzjoni – Titlu ta' belt**
Is-Sindku nfurmat li għad ma kellhiex risposta.

**6.3.12 Kommunikazzjoni – Tintinnabru**
Is-Sindku nfurmat li għada ma ħadmietx fuqu.

**6.3.13 Kommunikazzjoni – Quotation on Vending Machines**
Is-Sindku nfurmat li l-kuntratt tal-vending machines skada, u għalhekk inħarġet talba għal-aħjar offerta. Is-Sindku qrat u preżentat fuq il-mejda l-offerti li saru, liema aħjar offerta hi ta' €2,330 fis-sena, jew persentaġġ ta' 20%.

Is-Sindku talbet approvazzjoni mil-membri tal-Kunsill biex nipruvaw xi ħaġa ġdida, u nitolbu persentaġġ fuq ta' 20% fuq in-*net sales* li jsiru.

Il-membri preżenti qablu biex ngħamlu kuntratt b'20% għal sitt xhur bi prova, liema kuntratt jkun revedibli wara s-sitt xhur.

**6.3.14 Kommunikazzjoni – Lease of Low Emission Double Cab Tipper Van**
Is-Sindku nfurmat li wara l-approvazzjoni tal-Kunsill, ħarġet l-*acceptance letter* lil Burmarrad Commercials tal-offerta tiegħu ta' Double Cab Tipper Van ta' l-2015. Burmarrad Commercials infurmawna li l-Van li offrew fit-tender tat-2015, inbiegħ u jistaw joffru Double Cab Tipper Van ta' l-2013, b'reviżjoni tal-prezz.

Is-Sindku nfurmat li meta ċċekjat fuq l-prezzijiet tal-leasing, dan ħa jiġi madwar €886 fix-xahar VAT inkluż, meta aħna bil van tal-*handyman* qed ninqdew u nħallsu €650 fix-xahar VAT inkluż, spejjes u *fuel* għaliħ. Għalhekk, it-Tipper Van mat €886, bil-fuel fix-xahar diġa l-ispiża ħa titla ma €1,000, u din l-ispiża ma tkopriex *claims*.

Is-Sindku nfurmat li issa li qegħdin leġiżlatura ġdida, dan it-tender għandu jaqa, sia minħabba li qed jiġi offrut van antik, u li dan il-Van mhux viabli meta l-*handyman* jmur wkoll bil-qaddi tal-Kunsill. Is-Sindku qablet pero' li għandu jinħareġ tender għal-van iżgħar, li jaqdi l-bżonnijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender għandu jitwaqqa', kif wkoll il-van li eventwalment ħa jkollna jrid jiġi ggaraxxjat, u għalhekk jrid jiġi żbarazzat il-garaxx tal-handyman.

Fis 7:38pm saret sospensjoni tal-aġenda biex jidħol is-Sur Matthew Spiteri, ħalli jirraporta dwar item 6.3.5 Parkour, Outdoor Gym u Playing Field Żokkrija.

### 6.3.15 Kommunikazzjoni – Quote For Magazine

Is-Sindku pproponiet li l-gazetta Mosta Solidali tkun *magazine* biex jkollha 'aktar kontenut ta' reklami b'forma ta' *banners* fin-naħa ta' isfel*, quarter page* u *half page,* biex nġibru 'iktar flus, u għalhekk il-*full pages* idealment ma jsirux ħlief l-paġna ta' wara.

Is-Sindku ppreżentat ir-rati għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

- Banner: 4.5cm għoli, prezz ta' wieħed 125 Ewro, min jixtri erbgħa għal-sena sħiha il-prezz jkun ta' 400 Ewro.
- Quarter Page: prezz ta' wieħed 90 Ewro, min jixtri erbgħa għal-sena sħiha il-prezz jkun ta' 280 Ewro.
- Half Page: prezz ta' wieħed 175 Ewro, min jixtri erbgħa għal-sena sħiha il-prezz jkun ta' 560 Ewro.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux ħa nifdu l-ispejjes tal-magazine bir-riklami. Is-Sindku nfurmat li ma tistax tikkonferma għalissa. Jekk bir-riklami nifdu l-*magazine* u jibqa xi flus, dawn il-flus ħa jmorru lura lejn il-komunita, bħal *party* għat-tfal ta' l-istitut fejn qed jgħin il Kunsillier Micallef, għax ma nistawx nibqaw nużaw mil l-allokazjoni.

Is-Sindku wkoll qed tiproponi biex jkun hemm rata ta' 15% għal-min jiġbor ir-reklami. Għalhekk talbet lil membri preżenti biex jekk jafu b'xi terzi persuni li jixtiequ jiġbru r-reklami, jistaw jiproponuhom basta jkollhom VAT number. Dawn il-persuni ma jistawx jkunu membri tal-Kunsill. Il-persuni li jiġu nominati jkollhom permess mil-Kunsill, u l-irċevuta toħroġ mil-Kunsill.
Is-Sindku, ressqet lis-Sur C. Vella bħala l-ewwel persuna li ħa jibda jiġbor ir-reklami.

Is-Sindku reġgħet fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet tal-*printing,* fejn *printer* ikwota 7800 kopja għal 2,100 Ewro, eskluz 5% Vat, u *printer* ieħor ikwota 7800 kopja għal 2,085 Ewro, u 8000 kopja 2,110 Ewro.

Is-Sindku nfurmat wkoll, li għal min jixtieq jgħati s-sehem tiegħu, ħa jkun hemm persuna adattata li tista tgħin għal min m'għandux esperjenza jikteb fuq *magazines.*

### 6.3.16 Kommunikazzjoni – Information Boxes (Totem)

Is-Sindku nfurmat li l-*information box* ta' Wied Speranza ħa titneħħa peress li għadda t-terminu tagħha min meta rċevejna l-fondi, filwaqt dik li tinsab fil-Pjazza, ħa terġa tintbagħat ittra rreġistrata.

### 6.3.17 Kommunikazzjoni – Ċitazjonijiet

Is-Sindku talbet li 'issa bdew joħorġu ċ-ċitazjonijiet mil-Green Wardens, u talbet biex ħadd ma jressaq talba biex jitranġaw xi ċitazjonijiet.

### 6.3.18 Kommunikazzjoni – Bord ta' l-Interviews

Is-Sindku talbet aprovazzjoni tal-bord ta' l-interviews magħmul min mil-Kunsilliera Camilleri, Bonnici u Gatt bħala *voters,* s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv *non voters.*

Il-Kunsillier Cassar ma qabilx peress li l-bord kien ser jkun mgħamul min 3 PL u 1 PN. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li *voters* biex jagħtu l-punti huma 2 PL u 1 PN, għax s-Sindku ma kenitx ser tagħti marki imma tosserva u tagħmel id-domandi.

Il-Kunsillier Camilleri ċeda postu, għax ma ħassux komdu jkun parti mil-bord la m'hemmx fiduċja fiħ.

Is-Sindku nfurmat, li la ma kienx hemm qbil unanimu l-bord ser jkun mgħamul mis-Sindku, mil-Kunsillier Bonnici u Gatt, u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 6.3.19 Kommunikazzjoni – Bord tal-Claims

Is-Sindku nfurmat li l-bord tal-claims ħa jkun mgħamul mil-Kunsilliera Cassar u Howard, u s-Sur Temi Scicluna.

Il-membri preżenti qablu, u l-Kunsillier Camilleri astjena.

### 6.3.11 – Kommunikazzjoni – Awarding of Tenders

KLM T-01-2019 - Restoration of Street Shrines. Il-Perit tal-Kunsill bagħat l-evalwazzjoni tiegħu.

KLM T-02-2019 - Construction and Restoration of Rubble Walls in Mosta under Measure 4.4 of the European Agricultural Fund for Rural Development. Il-Perit tal-Kunsill għandu jibgħat l-evalwazzjoni tiegħu fil-jiem li ġejjin.

### 6.3.13 – Kommunikazzjoni – Qisien Toroq Bonnijiet u bajtar

Il-Perit tal-Kunsill għandu jibgħat id-dettalji fil-jiem li ġejjin.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 6.4.1 – Tinda

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk tistax issir tinda mil-*exit* għal mad-dawra tal-Maltapost.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li l-health centre jikru l-uffiċini tagħhom bħalna, u għalhekk jistaw japplikaw huma mal-Lands biex jtuhom permess jgħamlu din it-tinda, bi-spejjes tagħhom mhux tal-Kunsill. Aparti min hekk, Il-Kunsillier Cassar ikkonferma li tinda bħal din iżżom ħafna ħmieġ, li jkun jidher mod speċjalment jekk tkun magħmula mil-perspex kif għandom il-PA.

Is-Sindku nfurmat wkoll, biex nistennew x'ser jsir mil-proġett li l-AKL qed tieħu ħsieb dwar il-kontroll tal-ħamiem.

## 6.5 Rapporti

### 6.5.1 Hatra ta' Bordijiet u SottoKumitati

Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, R. Abela, Camilleri, Gatt, Micallef preżentaw is-sotto kumitati tagħhom għal-approvazjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Bonnici, Howard, Deguara u S. Abela, ħa jressqu fuq il-mejda l-lista tas-sotto kumitati tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

### Dekasteru Traffic Management

- Viċi Sindku
- Philip Camilleri
- Adrian Mintoff
- Joseph Zerafa

- Ivan Pierre Vella

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Għajnuna Soċjali

- Kunsilliera Rachel Abela
- Katherine Balzan
- Maria Xuereb
- Ann Lewis
- Charles Vella

Il-membri preżenti qablu, u l-Kunsillier Deguara astjena.

Dekasteru Attivitajiet

- Kunsillier Marvic Camilleri
- Charlene Grech
- Silvio Catania
- Danny Farrugia
- Jolene Gauci
- Stephen Borg
- Giovann Chetcuti

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Kultura

- Kunsillier Marvic Camilleri
- Norma Cristina
- Frank Vella
- Silvio Catania
- Lawrence Bonnici

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Patrimonju Mosti

- Kunsillier Marvic Camilleri
- Loreto J. Dalli
- Raymond Cauchi
- Vincent Dimech
- John Dimech

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Innovazjoni

- Kunsillier Joseph Gatt
- Kunsilliera Pia Bonnici
- James Mifsud
- Josette Mifsud
- Marlon Mercieca
- Chris Camileri
- Joseph Vassallo

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Sports

- Kunsillier Aiken Zerafa

- Sandro Micallef
- Andrea Montesin
- Roanna Agius
- Mikhail Micallef
- Marvic Camilleri

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Żgħażagħ

- Kunsillier Mikhail Micallef
- Kunsillier Aiken Zerafa
- Amii Camilleri
- Daniel Vella Fondacaro
- Denise Vella
- Jahel Bezzina
- Joseph Zammit
- Matthew Cassar Hili
- Miguel Buttigieg
- Ritienne Camilleri
- Thomas DeMartino

Il-membri preżenti qablu unanimament

Dekasteru Ġenituri u Edukaturi

- Kunsillier Mikhail Micallef
- Alison Debono
- Olwen Saliba
- Doriane Fenech
- Elizia M. Vassallo
- Joanna Taylor
- Joanne Muscat
- Maria Elisa Scicluna
- Shirley Abela

Il-membri preżenti qablu unanimament

Il-Kunsillier Deguara nforma li għandhu d-dekasteru Integrazzjoni Soċjali, fejn attenda 4 t'ijiem kors mħejji mil-AKL, fejn trattaw l-inklużjoni wkoll tal-imigranti u problemi soċjali. Bħala kumitat għada ħa jiltaqa' ma Is-Sur Christian Micallef biex jibdew jiffurmaw kumitat u jaħdmu fuq l-inklużjoni soċjali.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm diġa kumitati tal-festa li jieħdu ħsieb u li ħafna mix-xogħol jsir minnhom, allura m'hemx għalfejn jiġi ffurmat sotto kumitat ieħor, pero' xorta ħa jkun qed jikkordina magħhom.
Is-Sindku fakkret lil Kunsillier Cassar li għandu wkoll d-dekasteru tal-komunitajiet.

### 6.5.2 Car Wash

Il-Kunsillier Micallef nforma lil membri preżenti li s-sotto kumitat taż-żgħażagħ ħa jorganizza *car wash in aid of* Puttinu. Ħa ssir fil-parking tal-pjazza nhar ssir nhar is-sibt li ġej bejn it 8:00am u 12:00pm, u stieden lil Kunsilliera biex jiġu bil-karozzi tagħhom.

## 6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 6.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 95.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 22 ta' Awwissu sal-24 ta' Settembru 2019.

### 6.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders. Il-Kunsillier Cassar nforma li tajjeb li nonfqu l-flus fil-Mosta mod speċjalment għal-affarijiet żgħar li jkun hemm bżonn, għalhekk il-fjuri stajna xtrajnihom min ħwienet Mostin, li dejjem tawna servizz tajjeb meta ordnajna fjuri.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 6.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 6.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Awwissu 2019. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 6.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-15 ta' Ottubru 2019 fis-6:00pm.

Konfermati llum 24 ta' Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |